# Maninu, id-Deffien Soċjalista

*Ta'* Albert M. Cassola

"BOMBI! Bombi! Il-bombi biss iqegħdukom fil-frisk lilkom! Imbagħad nirranġakom għall-festi jien!"

Hekk kien jinfexx igħajjat Maninu, magħruf bħala "id-deffien soċjalista", meta qabda tfal ġirien tiegħu kienu jaħarbu jiġru b'saqajhom ma' daharhom wara li jkunu għaddew nofs siegħa żmien bih, min jissottah bil-ġebel u min iġebbidlu l-ġakketta twila u maħmuġa, u min igħajru li Betti ma tridux għax ikrah wisq.

U li hu minnu minnu, Maninu ma kienx sbejjaħ. Qsajjar, imbaċċaċ, għajnejh impeċpċa, xagħru mħabbel, liebes dejjem imċerċer, kien ilu ma jinħasel sewwa għadd ġmielu ta' snin, minn mindu, jiġifieri, kiseb il-post ta' deffien fiċ-ċimiterju.

"Imma x'fiha b'daqshekk?" kien igħid lill-kappuċċin li minnaħa tiegħu dejjem fittex li jħajjar lil Maninu jżomm ruħu ftit aħjar. "Jien ruħi safja," kien iwieġbu għal xi twiddiba, "fiddinja ma tistax iżżomm ruħek safja jekk toqgħod taħseb biex iżżomm ġismek nadif." Min jitlef iż-żmien iħabbel rasu fil-frugħat tad-dinja, kien jaħsibha Maninu, li fil-fehma mqarrqa tiegħu wkoll l-indafa ma kenitx ħlief frugħa, ma kien jista' qatt iridha ta' soċjalista. Għaliex is-soċjaliżmu, kien jifhimha hu, huwa xi ħaġa wisq sabiħa u perfetta; u bħall-ħwejjeġ kollha perfetti, dik l-Utopija ma tistax tkun ta' din l-art, ma tistax tisseddaq f'din iddinja. Kull meta kien hawn ċaqliq biex kulħadd, kemm il-ġnus u kemm il-bnedmin, jingħaqdu flimkien u jfittxu li jsiru xorta waħda f'kollox u għal kollox, minn dan iċ-ċaqliq ma ħareġx ħlief għawġ u taħwid iżjed minn qabel!

Għalhekk Maninu kien jara li dak l-idejal kien isib il-bidu tas-seħħ tiegħu biss fiċ-ċimiterju fejn kulħadd kien tabilħaqq sieħeb ta' l-ieħor u fejn kulħadd għandu l-istess jeddijiet u drittijiet. Fil-midfen ħadd ma jitgħabba b'taxxi, ħadd ma jħallas xejn talbiċċa art li jgħammar fiha, ħadd ma jibqagħlu għalfejn iħabbel moħħu fuq il-vot, fuq il-għamla tal-gvern, fuq is-sura tal-liġijiet tax-xogħol u tal-kera.

Ix-Xirka soċjalista waħdanija, dejjem fil-fehma ta' Maninu, kont tista' tissieħeb fiha biss wara mewtek. It-tabib kien jeħtieġlu jersaq lejk, isaqsik għadekx ħaj u jekk inti ma twieġeb la iva u lanqas le ma jkunx jonqos ħlief li t-tabib iħallik erbgħa u għoxrin

siegħa fuq soddtok biex iwettaq il-mewt tiegħek u, jekk tibqa' ma ċċaqlaqx ilsienek, tiġi minnufih milqugħ minn sħabek taċ-ċimiterju u mdaħħal tagħmel sehem mix-Xirka. Biex tixxierek u ssir sieħeb ma jeħtiġlekx timla formuli jew ittenniħom bil-kliem; il-kliem itir u l-kitba tintesa u mhux wieħed u tnejn fid-dinja ma jżommux kelmithom u jiċħdu wara dak li jkunu ħalfu qabel. L-aħjar is-skiet, għaliex biss minn jiskot ikun jaqbel tabilħaqq!

Fil-maqbar, il-mejtin kollha msieħba ta' xulxin. Ħadd ma jkollu xi jgħid ma' ħadd. Ħadd ma jmieri lil ħadd. Kollha kemm huma l-mejtin jaqsmu bejniethom art li minnha jmissħom biċċa ndaqs kull wieħed. Il-maqbar huwa l-bejta fejn dak l-annimal (Maninu kien isejjaħlu "bhima") soċjali li jissejjaħ bniedem, jiltaqa' u jgħammar, bħan-naħal u ż-żunżan, ma' sħabu l-oħra u jgħix magħhom fil-paċi l-ħajja tal-mejtin.

Għall-filosofija tiegħu, Maninu ma kien iċediha 'l ħadd. Il-għaref kapuċċin kien jaqta' qalbu jfiehmu t-taħwida li Maninu kellu ġo rasu, u kien jitlaq minn ħdejh bi tbissima fuq fommu, iċaqlaq rasu u jżiegħel bil-leħja twila minn lewn il-qoton.

Id-"deffien soċjalista" kien jgħid illi tiegħu hu l-aqwa xogħol li qatt jista' jkun hawn. Xogħol li jżommok dejjem taħseb kif is-slaten u l-foqra, il-għorrief u l-baħnana, meta tasal sigħethom, ikollhom iwiegħbu, iridu u ma jridux, għas-sejħa tal-mewt li ma tagħmilx tibjin bejn wieħed u ieħor u ma taħfirha 'l ħadd. Hemm ġew fil-midfen kulħadd xorta waħda: iċ-ċimiterju huwa dar kbira li tesa' lil kulħadd, dar fejn ma tħallasx kera; u l-oqbra huma s-sodod li twittihom u tagħmilhom darba u ma jkunx hemm għalfejn tagħmilhom it-tieni għax dawk li fihom jorqdu ma jitqallbu jew jitmattru qatt.

Kien dejjem irid ifisser kif għall-irġulija ħadd ma kien jisbqu lilu. Il-kotra tal-bqija tan-nies, ftit jew wisq, kienu kollha jqarrqu bil-proxxmu: ibda mit-tabib li bid-duwa u l-mediċini li jbellagħlek jara kif jagħmel biex jibagħtek id-dinja l-oħra llum qabel għada, kompli bl-avukat li jrid jisolħok u jqaxxrek ħaj u bl-imħallef li jagħtik tort jekk għandek raġun u raġun jekk għandek tort, u spiċċa fil-qassis li ma jaqtax li jitlob għalik biex iwasslek il-ġenna meta inti tkun ilek żmien taħlef u tidgħi u titkagħweġ u tixxaw-wat fin-nirien ta' l-infern. Id-deffien, bil-maqlub, ma jagħmilx ħaġ'oħra ħlief jaqdi dmiru sewwa: imidd il-mejtin fis-sodda kiesħa tal-ħaġar u jgħattihom bil-kutri tat-trab.

Għaliex, immela, it-tfal kollha jinbxuh? Għaliex ħadd ma

jaħmel jarah jaqdi dmiru bil-kwiet? Mela n-nies kien joqtolhom hu? Mela huwa, billi deffien, ma kienx nies ukoll? Jewwilla bħalma fit-twelid tinħtieġ il-qabla, fil-mewt ma jinħtieġx il-bekkamort?

"Halli jħabbat il-baħar!" kien jinfexx igorr waħdu bħal biex jistabar. "ħallihom igħajruni u jweġġgħuli qalbi! Imma qabel ma jirnexxilhom jifnuni bil-għali u jeqirduni mid-dinja, għad irrid nidfen nofs il- ħâra tar-raħal tiegħi!"

Għal dak li hu tiegħu, irridu nwissu mill-ewwel li Maninu kien jara fuq wiċċu l-iżjed, barra mit-tfal, mix-xbejbiet ta' raħal twelidu li f'Maninu kienu jilmħu bniedem li kieku kien inqas ikrah u. skond il-fehma tagħhom, mhux daqshekk belhani, kieku l-għadd ta' l-irġiel għaż-żwieġ kien dejjem jiżdied b'wieħed! Imma Maninu le. Bih u mingħajru xorta. Min qatt kien sa jitħajjar għalih? Għalhekk kien, aktarx, li dawn ix-xebbiet ma kinux jistgħu għalih. Ma kien jinżlilhom b'xejn. Raġel taparsi. Bniedem mitluf.

Ma satax jonqos għaldaqstant li Maninu ma jġerragħx innisa. "Kollha jriduha, kollha arani u la tmissnix, kollha mkabbrin qisu m'hawnx bħalhom." kien igerger, "ma jafux li kollha jispiċċaw bħal kollha: mimduda f'kaxxa sewda, bla mnieħer, b'għajnejhom fil-ħofra!"

* * *

Imma lil Betti le! Lil Betti ma kienx igħoddha max-xebbiet l-oħrajn. Lil Betti kien iħobbha u kien jaħseb li hija tħobbu wkoll. Għaliex Betti, xbejba mill-isbaħ tar-raħal u l-itjeb u l-aħjar fost it-tfajliet li kien jaf huwa, ma kinitx tinkih u tkiddu bħal sħabha. Bil-maqlub. hija kienet tgħidlu kull meta tiltaqa' miegħu fuq iz-zuntier tal-knisja, li trid tiżżewġu. li għandha mitt sena biex issir martu.

U Maninu, li ma kienx jaf jagħżel bejn ċajta u mhix, kien jiħmar u jistħi jlissen kelma waħda biss—iżda kien jemminha! Kien jaħseb li dak li kienet tgħidlu Betti. imġiegħla mill-oħrajn biex jidħku, kien minnu. Għalhekk bla ma qal xejn lil ħadd ħlief lill-ħajjat li ħethielu u ġarrabhielu, Maninu għamel libsa ġdida, sabiħa. kif kienet il-moda ġol-Belt, u kollu ferħan żammha mitwija u moħbija f'senduq. għal jum it-tieġ.

Darba waħda, nhar ta' Hadd, Betti ma marretx għall-quddies. Maninu tħasseb. Wara ħafna biża' u qtigħ il-qalb. qatagħha li jasal wasla sad-dar tagħha biex jara x'inqalgħalha. Sabha fis-

sodda, thewden bid-deni. Sidirha, fejn kienet tgħammar il-kiefra marda li Betti rikbet mix-xelters maħmuġa u mudlama, kien imgħotti b'libsa tal-ħarir, roża ftit inqas minn ħaddejha. Wiċċha sabiħ bħal dejjem, isbaħ ukoll minn qabel.

Bejn taqliba u oħra, l-imsejkna berrqet għajnejha u għarfet 'il Maninu. Tbissmitlu tbissima qarsa u qaltlu: "Naħseb li diddarba sa nizzewġek tabilħaqq. Nittama li tieħu ħsiebi sewwa!"

Maninu, mifxul u mbergħen, ma laħaqx għamel ħiltu biex iweġibha x'ħin Betti reġgħet intilfet u bdiet tolfoq u tisgħol bilqawwi u taqta' d-demm minn sidirha jilheġ. Maninu ma felaħx joqgħod iżjed ħdejn il-marida u telaq imnikket u mħasseb 'il barra.

Dik il-lejla stess, fit-tard tal-lejl, Betti ħelset minn din iddinja.

* * *

Maninu, li kien jistennieha, ma ħadhiex bi kbira wisq il-bxara tal-mewt tax-xbejba ta' qalbu. "Hekk kellu jkun," qal bejnu u bejn ruħu. "Issa Betti sa tiġi tgħammar miegħi fiċ-ċimiterju. Fil-qabar fejn nidfen lilha, hemm nidfen qalbi ħajja li tħabbat għaliha flok qalbha wieqfa! Issa nieħu ħsiebha jien kif jisthoqqilha!"

L-ewwel ma għamel beda biex jiknes l-art u jfarfar il-ħitan u jneħħi l-għanqbut u jnaddaf u jaħsel l-irħamijiet bojod tal-kamra mortwarja. Imbagħad inħasel ħasla kif qatt qabel f'għomru, qaxxar bil-mus misnun il-leħ'a sewda u ħoxna li xi drabi bilkemm kien iqasqas, u xedd il-libsa l-ġdida li kien qiegħed jarfa' għal dak in-nhar tat-tieġ.

Nhar il-funeral stenna li jitilqu miċ-ċimiterju, fejn marru jwasslu, niesha u ħbiebha kollha, u mbagħad intgħalaq waħdu magħha fil-kamra tal-mewt, xegħel żewġ xemgħat, qattar minnhom xi qatriet f'kull tarf tat-tebut u waħħalhom hemm. Bexxaq il-għatu tat-tebut, ta ħarsa lejn Betti, u waqqgħetlu demgħa sħuna fuq il-wiċċ kiesaħ tagħha li kien għadu bħal meta kienet ħajja sabiħ u ħamrani. Tħajjar ibusha, iżda ma setax. Deherlu li hija kienet sa tħossu, kienet sa tbexxaq għajnejha, tħares lejh, tisimgħu, tiftaħ fommha u tgħidlu xi ħaġa. Raġa' għalaq it-tebut u qagħad ħdejh bil-qiegħda jitlob u jibki, sakemm għajnu marret bih. Hekk għadda l-lejl kollu. U l-biki ta' Maninu ma kienx biki ta' niket u ħasra daqskemm biki ta' ferħ li jiġi mill-ksib, għal żmien twil mistenni, tal-maħbuba ta' qalbek!

* * *

Maż-żerniq feġġet xemx taħraq. Maninu stenbaħ min-nagħsa twila, għorok għajnejh, iddritta l-ġakketta, għafas il-għoqda ta' l-ingravata, radd is-salib għal wiċċu u medd idejh għax-xogħol. Issa kien wasal il-waqt li jqiegħed taħt l-art, fis-sodda tagħha, lil Betti ta' qalbu. Kemm mijiet ta' katavri kien difen qabel minngħajr biss tislitlu demgħa waħda minn għajnejh, jekk mhux b'xi għanja fuq ix-xofftejn tiegħu! Did-darba, iżda, ħass qalbu tingħafas u bħal trid tinqasam; id-dmugħ beda jġelben ma' ħaddejh.

* * *

Qabel ma niżżilha fil-qabar, xerred fil-qiegħ tiegħu, bħal biex iżejnu, il-weraq taċ-ċipress; u ħallieh mikxuf għax-xemx biex jinxef min-nida u jixxotta mill-ilmijiet. Imbagħad kif qiegħed ittebut, ma felaħx ma jagħtix l-aħħar ħarsa lejn il-għarusa tiegħu. Hemm isfel, fil-qabar, reġa' bexxaq, għalhekk, it-tebut u blakbar qima bies it-tarf tal-kefen tal-mejta. Kif għolla rasu u ħabbat wiċċu mal-ħitan tal-qabar żied iwettaq il-fehma tiegħu ta' kemm kulħadd huwa bħal kulħadd; kif il-bnedmin itemmu ħajjithom, ikunu min ikunu u jkunu xi jkunu, u jorqdu l-istess raqda ta' dejjem. Imma ntebaħ ukoll, għall-ewwel darba f'kemm kien ilu jidfen mejtin, kemm hija qalila l-firda li ġġib magħha l-mewt!

Ftit iżjed minn xibrejn trab kienu jbiegħdu 'l Betti minnu u b'danakollu hija kienet tinsab hekk 'il bogħod,.. hekk 'il bogħod... hekk 'il bogħod!

Sakemm Betti kienet baqgħet miegħu fil-kamra tal-mejtin kien qisha għadha fil-milja tal-ħajja; imma issa... imma issa kien donnu ma baqa' xejn minnha ħlief it-tifkira kiebja tagħha!......

Wara li tnikker jaħseb u jitħasseb fuq qabarha, imnikket u mbikki, qam fuq tiegħu u telaq imgħaġġel lejn ir-raħal.

* * *

Meta fit-tard tal-lejla mar lura fiċ-ċimiterju, ħa miegħu żżrieragħ ta' ħafna fjuri mlewna u jfuħu u xerridhom, sura ta' salib, fix-xquq taċ-ċangaturi tal-qabar. It-temp, sadattant, laħaq tħassar u ma dametx ma bdiet traxxax ix-xita.

Waħdu wara t-tieqa tal-kamra tal-mejtin, Maninu qagħad iħares il-ħin kollu lejn dak il-qabar ta' qalbu. U bħal stkerrahha dik il-lejla ta' bard u ta' ilma. Beda jgħaddilu minn moħħu li Betti, mejta għaliha nfisha imma ħajja iżjed minn dejjem f'imħabbtu, kienet sejra tirżaħ bil-bard u tixxarrab bix-xita li kullma tmur aktar bdiet tiżdied. Habat sa jmur itellagħha mill-qabar biex jeħodha lura f'dik il-kamra tar-rħam u jkenniha mis-sirda. Imma

ma felaħx jasal ħdejha, ma kellux iżjed saħħa f'riġlejh u qata' li jinxteħet għarrkobbtejh ilissen talba oħra għal ruħha. Il-qtar oħxon tax-xita nieżel dejjem, nieżel dejjem fuq il-qabar ta' Betti, fuq iż-żġieġ tat-twieqi, fuq il-qalb żgħira ta' Maninu.

*  *  *

Hadd ma sata' jobsor, meta ġiet ir-rebbiegħa, x'kien li biddel dak il-midfen, u aktar dak il-qabar, fi ġnien mill-isbaħ, imżewwaq bi slaleb ta' fjuri ta' kull għamla u ta' kull lewn u bi qlub tal-pepprin ħomor. Il-qronfol u l-vjoli u l-ġeranji kienu jaimu l fwieħa tal-ġenna. Dik il-bidla kollha fiċ-ċimiterju kienet ġejja minn Maninu, mid-deffien soċjalista li ried jaħseb, bis-saħħa tal-maħbuba tiegħu, fil-mejtin kollha. Għalhekk l-oqbra kollha ħaseb fihom u żejjinhom iikoll, tal-għani u tal-fqir, tal-għaref u ta' l-iblah.

Ukoll f'Maninu kienet saret bidla kbira. Hu ma baqax jilbes imqatta' u mraqqa' iżda beda jġib dejjem il-libsa l-ġdida. F'daqqa waħda bħal sar raġel ieħor; tbiddel bħal-lejl min-nhar. Ma baqax iżjed dak li t-tfal jagħmlu għalih u jiġru warajh biex jinbxuh imma raġel li jġiblek ħniena u ħasra. Ma jidħak qatt u jidher ftit man-nies. Maninu beda sejjer lura, beda jinżel qabel iż-żmien. Kien qiegħed jonqos u jogħlob, kien iħossu marid.

Meta tfajla mir-raħal, biex tara xi jgħid, talbitu jiżżewwiġha, Maninu ma weġibx. La ħa għalih u lanqas tbissem. Ma tniffes xejn. Kien qisu ma semax.

Maninu, tabilħaqq, għall-ilħna tal-bnedmin kien ittarrax għal kollox. Il-leħen waħdani li kien jidwi l-ħin kollu f'widnejh kien dak li ġej minn dak il-qabar hemmhekk, f'waħda mill-irkejjen taċ-ċimiterju, il-Leħen li kien qiegħed isejjaħlu ħdejh.

*  *  *

Meta ntlaqtet il-kamra mortwarja, Maninu ma kienx fiha. In-nies tar-raħal tiegħu, li kif semgħu l-għajta mkarkra tas-sireni ġrew bi ħġarhom ħalli jaraw x'sar minnu, ma sabuhx hemm. Bħal ħadu r-ruħ għax ħasbu li ħelisha b'wiċċ il-ġid. Iżda ma damux ma lemħuh mixħut minn tulu, bil-kuruna tar-rużarju bejn subgħajh, iżjed 'il bogħod mnejn kien l-irħam imġarraf, fuq is-salib tal-fjuri ta' fuq qabar Betti fejn, sa fl-aħħar, kien sab il-mistrieħ ta' dejjem.

Xi ħadd, b'nofs ħajra, kellmu u messu. Huwa la wieġeb u lanqas iċċaqlaq.

*  *  *

Maninu kien ixxierek max-Xirka ta' Holmtu u ssieħeb għal dejjem mas-Sieħba ta' Qalbu.